**MALTA**

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru: 1035/2018LM

**Marisa Azzopardi (K.I. numru 302970(M))**

***vs.***

**1. Anthony Vella (K.I. numru 680947(M))**
**2. GasanMamo Insurance Ltd (C3143)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat fit-22 ta' Ottubru, 2018, mill-attriċi **Marisa Azzopardi** (K.I. numru 302970(M)) [minn issa 'l quddiem "l-attriċi"] kontra l-konvenuti **Anthony Vella** (K.I. numru 680947M) [minn issa 'l quddiem "il-konvenut"] u s-soċjetà konvenuta **GasanMamo Insurance Ltd** (C3143), [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"] li jgħid kif ġej:

*"1. Illi fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq il-Belt Valletta, Mdina/Rabat (Dok. MA1) meta, l-vettura FBP 094 misjuqa mill-konvenut Anthony Vella daħħlet fl-attriċi Marisa Azzopardi waqt li hija kienet qed iddur mar-*roundabout *fuq ir-rota tagħha sejra lejn id-direzzjoni ta' H'Attard.*

*2. Illi b'konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi l-attriċi ġarrbet danni u sofriet ukoll debilità permanenti, hekk kif jirriżulta mir-rapport mediku hawn anness u mmarkat bħala Dok. MA2.*

*3. Illi dan l-inċident seħħ unikament bi ħtija tal-konvenut Anthony Vella minħabba negliġenza, imprudenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu u għalhekk il-konvenut Anthony Vella huwa responsabbli għal dan l-inċident u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attriċi.*

*4. Illi l-konvenuta l-oħra GasanMamo Insurance Ltd, bħala assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBP 094 fil-mument tal-inċident fuq imsemmi, hija ukoll responsabbli li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-attriċi a tenur tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni – Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Illi l-konvenuti mhux qed jaċċettaw ir-responsabbilità għal dan l-inċident u għalhekk kellha ssir din il-kawża sabiex l-attriċi titħallas id-danni lilha dovuti."*

Għalhekk l-attriċi ħarrket lill-konvenuti sabiex jgħidu għaliex din il-Qorti għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, m'għandhiex:

*"* i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut Anthony Vella huwa responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fi Triq il-Belt Valletta, Mdina/Rabat u għad-danni kollha sofferti mill-attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident;*

ii. *Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Ltd hija responsabbli* in solidum *mal-konvenut Anthony Vella versu l-attriċi għad-danni kollha sofferti mill-attriċi konsegwenza tal-istess inċident* ai termini *tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta ;*

iii. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi konsegwenza ta' l-istess inċident;*

iv. *Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex* in solidum *bejniethom iħallsu lill-attriċi dawn id-danni hekk kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-konvenuti ppreżentata fil-5 ta' Novembru, 2018, maħlufa minn Kristian Vella għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, fejn ġie eċċepit is-segwenti :

"1. *Illi huwa minnhu li seħħ inċident tat-traffiku fid 29 ta' Ottubru 2017 fil-limiti tar-Rabat waqt li l-attriċi kienet qed isuq ir-rota tagħha u l-konvenut Vella kien qed isuq il-vettura numru FBP 094 iżda kuntrarjament minn dak li qed jsostni l-attriċi dan l-inċident ma ġarax tort u ħtija tal-konvenut, Vella, iżda ġara unikament tort u ħtija tal-attriċi u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

2. *Illi dwar it-talba ta' likwidazzjoni tad-danni, u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva illi dawn huma għal kollox eżaġerati u kwindi għandhu jiġi nominat espert mediku biex jeżamina lill-Rikorrenti u jiddetermina d-debilita o meno tagħha konsegwenza tal-inċident in kwistjoni.*

3. *Salve eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.
Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2019 fejn Mr Carmel Sciberras ġie maħtur bħala espert mediku ġudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Dawn li jsegwu huma l-fatti li fuqhom hija msejsa l-kwistjoni bejn il-partijiet. Fid-29 ta' Ottubru, 2017, għall-ħabta tal-10.20 ta' filgħodu[1], seħħ inċident fi Triq il-Belt Valletta, Mdina, bejn il-vettura tal-marka *Toyota Corolla* numru ta' reġistrazzjoni FBP 094 misjuqa u proprjetà tal-konvenut, u rota misjuqa mill-attriċi. L-inċident seħħ proprju mar-*roundabout* li hekk wieħed u nieżel mis-Saqqajja, ir-Rabat, jista' jaqbad it-triq lejn l-Imtarfa jew lejn Ħaż-Żebbuġ jew jibqa' nieżel dritt lejn Ħ'Attard. Il-konvenut kien ġej mid-direzzjoni tal-Imtarfa sabiex jaqbad it-triq lejn Ħ'Attard, filwaqt li l-attriċi kienet għaddiet minn quddiem l-fond magħruf bħala *Xara Lodge* u qabdet Triq il-Belt Valletta għal Ħ'Attard. Il-konvenut kien waħdu fil-vettura tiegħu, filwaqt li l-attriċi kienet qed isegwi ħabib ċiklist ieħor Brian Sammut Alessi u warajha kien hemm ħabib ieħor ċiklist jismu Hilary Agius. Il-ħabta saret man-naħa tax-xellug tar-*roundabout* proprju qabel wieħed jaqbad it-triq għal Ħ'Attard. Mir-*Road Traffic Accident Insurance Report*[2] maħruġ mill-Pulizija ma jirriżultax li l-vettura tal-konvenut ġratilha xi ħsara, u l-istess jista' jingħad fir-rigward tar-rota misjuqa mill-attriċi, li min-naħa tagħha però ittieħdet l-Isptar Mater Dei permezz tal-ambulanza fejn ġiet ċertifikata li kienet qiegħda ssofri minn ksur.[3] L-attriċi qiegħda ssostni li kien il-konvenut li baqa' dieħel fiha bil-vettura

[1] Ara *Road Traffic Accident Insurance Report a fol.* 6 tal-proċess.
[2] *Ibid.*
[3] Ara *Case Summary* a *fol.* 144 fejn hemm indikat fid-dettal il-ksur.

tiegħu, filwaqt li l-konvenut iwieġeb li kienet l-attriċi li baqgħet dieħla fil-vettura tiegħu.

**Provi u riżultanzi**

L-attriċi xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[4] Qalet li għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu nhar id-29 ta' Ottubru, 2017, hija kienet involuta f'inċident tat-traffiku waqt li kienet qiegħda ssuq ir-rota tagħha flimkien ma' sħabha fid-direzzjoni ta' Ħ'Attard. Hekk kif waslet ħdejn ir-*roundabout* li tagħti wkoll għal Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll għall-Imġarr u l-Imtarfa, hija waqfet sakemm ċedewlha l-vetturi u setgħet iddur mar-*roundabout.* Iżda hekk kif kienet qiegħda ddur u ħarġet id-driegħ tagħha tax-xellug biex turi fejn kienet sejra u ġiet biex taqbad it-triq lejn Ħ'Attard, waslet vettura bajda għal fuqha min-naħa tax-xellug. Qalet li l-vettura kienet ġiet mit-triq li tagħti għall-Imġarr u l-Imtarfa u sostniet li hija kienet waslet aktar 'il quddiem minn din il-vettura fuq ir-*roundabout.* L-attriċi qalet li l-vettura kienet ġiet minn warajha u saqet għal fuqha min-naħa tax-xellug. Dak il-ħin hija taret minn fuq ir-rota tagħha u waqgħet fl-art fuq ġenbejha tax-xellug. Ħasset uġigħ kbir ma' ġisimha kollu u rasha ħadet daqqa mat-tarmac għalkemm kienet liebsa l-*crash helmet*. L-attriċi kompliet tgħid li daru magħha sħabha l-oħra ċ-ċiklisti, filwaqt li s-sewwieq tal-vettura ħareġ biex jara x'ġara. L-ambulanza waslet ftit wara u ħaditha l-Isptar Mater Dei, fejn damet erbat ijiem għall-kura. Iżda qalet li kienet baqgħet muġugħa wara li ħarġet mill-Isptar. Għalhekk marret għal viżta privata għand il-konsulent Mr Ray Gatt li ordnalha li tistrieħ fis-sodda għal tliet ġimgħat sħaħ u wara sitt xhur

[4] *A fol.* 23.

huwa rrilaxxja rapport fejn iċċertifika li hija kienet qiegħda tbati minn 15% diżabilità kawża tal-inċident. L-attriċi għalqet l-*affidavit* tagħha billi spjegat fit-tul il-konsegwenzi li l-inċident ħalla fuq ħajjitha, u anki fuq is-saħħa mentali tagħha. Flimkien mal-*affidavit* tagħha, l-attriċi ppreżentat diversi dokumenti relatati max-xhieda tagħha.

**Hilary Agius**, wieħed mill-grupp ta' ċiklisti li kienet tagħmel parti minnu l-attriċi dakinhar tal-inċident, prodott mill-attriċi, xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2019. Ikkonferma li ftit qabel l-inċident huwa flimkien mal-attriċi u ċiklist ieħor Brian Sammut Alessi, kienu ħarġu mit-triq fejn hemm *Xara Lodge* sabiex qabdu t-triq li tagħti għar-Rabat. Minn hemm niżlu fid-direzzjoni lejn Ħ'Attard. Brian Sammut Alessi kien qiegħed fuq quddiem, l-attriċi warajh u hu fuq wara. Iddikjara li hu waqaf hekk kif wasal ħdejn ir-*roundabout* għaliex kien hemm it-traffiku. Ra vettura bajda nieżla mid-direzzjoni tal-Imġarr, iżda ma tax każ u kkunsidra li kellu joqgħod attent sabiex jaqbad ir-*roundabout.* Hekk kif dar għal kważi nofs dik ir-*roundabout*, ra lill-attriċi fl-art u l-vettura bajda ħdejha. Xi ħadd ċempel għall-ambulanza u wara li din waslet fil-pront fuq il-post, ħadet lill-attriċi l-isptar. Dan filwaqt li hu u Brian Sammut Alessi ġabru u ressqu r-rota tagħha mill-art sabiex setgħu jgħaddu l-karozzi. Ikkonferma li l-Pulizija kien ġew fuq il-post tal-inċident. Ix-xhud ippreżenta *Google Map* u wkoll skizz tiegħu stess li ġew immarkati rispettivament Dok. HA1 u Dok. HA2.

**PS145 Graziella Zammit**, ukoll prodotta mill-attriċi, xehdet waqt l-istess udjenza fejn ippreżentat kopja tal-*Full Road Traffic Accident Report* li ġie mmarkat bħala Dok. GZ1. Qalet li meta waslet fuq il-post tal-inċident, l-attriċi kienet diġà ttieħdet l-Isptar permezz tal-ambulanza u għalhekk ma setgħetx

tieħu l-verżjoni tagħha tal-inċident. L-ewwel verżjoni tal-attriċi kienet ittieħdet minn PC57 u sussegwentement mix-xhud stess xi xahar wara ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat. Min-naħa l-oħra l-konvenut kien mar minnufih l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, fejn ħaditlu l-verżjoni tiegħu tal-inċident. Ir-rota kienet ġiet imċaqalqa minn fejn seħħ l-inċident, iżda l-vettura tal-konvenut kienet għadha fl-istess post u hija ħadet xi ritratti li ġew esebiti bħala Dok. GZ2 u Dok. GZ3.

Ix-xhud **Ambrose Licari** xehed permezz tal-*affidavit*, li ġie ppreżentat mill-attriċi stess. Qal li kien il-*partner* tagħha u dakinhar tal-inċident kien irċieva messaġġ mingħandha fejn kienet infurmatu li kienet qiegħda l-isptar wara li tajritha vettura. Ix-xhud spjega kif l-inċident inkwistjoni ħalla effett kemm fuq is-saħħa fiżika tagħha u anki fuq is-saħħa mentali, tant li l-ħajja tagħha, wkoll dik miegħu, kienet inbiddlet għalkollox.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Frar, 2019, xehed il-konsulent kirurgiku ortopediku **Mr Ray Gatt**, fejn ippreżenta rapport mediku fir-rigward tal-attriċi, li ġie mmarkat Dok. RG1.
Il-konsulent psikjatra **Dr Ethel Felice** xehdet permezz tal-*affidavit* li ġie ppreżentat mill-attrici, fejn indikat ir-riżultanzi tagħha wara eżami tal-attriċi.

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2019, xehed **Brian Sammut Alessi**, prodott mill-attriċi. Huwa kkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq ir-rota tiegħu quddiem l-attriċi fit-triq li kienet tagħti mis-Saqqajja lejn Ta' Qali. F'ħin minnhom sema' lill-attriċi twerżaq u hekk kif dar, raha mixħuta fl-art. Ix-xhud esebixxa skizz tal-inċident li kien ħejja hu stess, u li ġie mmarkat Dok. BSA1.

Huwa kien mar fuq il-konvenut u saqsih x'kien ġara, iżda dan wieġbu li ma kienx ra lill-attriċi. Sadanittant huma kellhom ineħħu r-rota tal-attriċi min-nofs sabiex igħaddu l-vetturi u waslet ambulanza li ħadet lill-attriċi l-isptar. In kontroeżami x-xhud ikkonferma li hu ma kienx ra l-inċident iseħħ. Fil-fatt hu kien diġà qabad it-triq għal Ta' Qali.

**Doris Vella Cassia**, in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, prodotta mill-attriċi xehdet waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2019. Hija ppreżentat kopja vera tal-file mediku tal-attriċi li ġie mmarkat Dok. MA1.

Il-konvenut xehed waqt l-istess udjenza, fejn ikkonferma li dakinhar tal-inċident huwa kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Corolla ta' kulur abjad. Ikkonferma wkoll li huwa kien waħdu fl-imsemmija vettura u qal li huwa kien ġej mid-direzzjoni tal-Imtarfa lejn Ħ'Attard. Il-konvenut spjega li hekk kif wasal ħdejn ir-*roundabout,* huwa kien waqaf sabiex jaċċerta ruħu li kienet vojta. Iddikjara li hu ra lill-attriċi l-ewwel darba hekk kif kien dar mar-*roundabout* fuq in-naħa ta' barra viċin il-linja bajda, u kien wasal bid-dritt tal-*centre strip* tat-triq li tagħti għal Ħ'Attard. Il-konvenut stqarr li huwa kien għaddej b'veloċità tassew bil-mod. Spjega li l-attriċi kienet ġiet minn warajh min-naħa tal-lemin u ħabtet sbrixx mal-vettura tiegħu. Proprju dak il-ħin huwa raha l-ewwel darba. Dawritlu l-mera tal-vettura u għamlet barxa żgħira fonda fil-pilastru tal-vettura tiegħu. Hija waqgħet fl-art viċin sew tal-vettura misjuqa minnu u huwa waqaf mill-ewwel, tant hu hekk ma ħalla l-ebda marki tal-*brejkijiet* fl-art. Kienu marru fuqu żewġ ċiklisti, is-Sur Agius u s-Sur Sammut Alessi, sabiex isaqsuh x'kien ġara u peress li ma setax isib il-mobile tiegħu, il-konvenut saqsa lil dan tal-aħħar sabiex iċempel għal ambulanza. Din wasslet

minnufih u ħadet lill-attriċi l-isptar. Iċ-ċiklisti min-naħa tagħhom kienu ser jaqbdu jiġbru r-rota u jitilqu ’l hemm, iżda l-konvenut insista li għandhom javżaw lill-Pulizija bl-inċident. Il-vettura tiegħu ħalliha fil-lok għaliex it-traffiku seta’ jgħaddi min-naħa ta’ barra, u dan sakemm ġew il-Pulizija. Il-konvenut qal li kienet waslet fuq il-post is-Surġent Zammit li ħadet xi ritratti, iżda skizz ma sarx. Huwa mar magħha l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu ta’ dak li kien ġara, iżda ż-żewġ ċiklisti l-oħra rrifjutaw għaliex insistew mas-Surgent Zammit li huma ma kienu raw xejn mill-inċident.

L-attriċi xehdet in kontroeżami waqt l-udjenza tal-21 ta’ Ottubru, 2019. Stqarret li hekk kif kienet waslet ħdejn ir-*roundabout* fit-triq li tagħti mir-Rabat, hija kienet waqfet għalkollox. Imbagħad meta qabdet iddur mar-*roundabout*, hija kienet ħarġet idha għal xi sekonda jew tnejn sabiex tagħmel sinjal hekk kif għaddiet it-triq li kienet tagħti għall-Imtarfa sabiex turi li kienet qiegħda tidħol fin-naħa tagħha tat-triq. Iddikjarat li hija ma kienet rat l-ebda daqqa fuq il-vettura tal-konvenut u spjegat li meta waqgħet hija kienet taret minn fuq ir-rota u kienet naqra żgħira ’l quddiem minn dik il-vettura. Ikkonfermat li l-konvenut ma kienx fetaħ il-bieba għal fuqha. L-attriċi spjegat li r-rota tagħha ma sofriet l-ebda ħsara, iżda l-vettura kienet laqtet lilha fuq ir-riġel tal-lemin. Mistoqsija dwar jekk kinitx qiegħda tesplora t-triq fil-ħin tal-inċident, l-attriċi spjegat li ċ-ċiklisti jħarsu dejjem quddiemhom u hija hekk kienet qiegħda tagħmel fil-ħin tal-inċident.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża. Għandu jingħad mill-ewwel li għajr għall-partijiet fil-proċeduri odjerni, ma jirriżultax li kien hemm xhieda oħra okkulari tal-inċident inkwistjoni. Iż-żewġ ħbieb ċiklisti tal-attriċi Brian Sammut Alessi u Hilary Agius, prodotti minnha stess sabiex jixhdu dwar dak li seħħ fil-ħin tal-inċident, ma kinux viċin tagħha f'dak il-ħin, tant hu hekk li ma setgħu jgħidu xejn dwar dak li ġara, għajr li lill-attriċi rawha fl-art. Filwaqt li Brian Sammut Alessi xehed in kontroeżami li huwa ma rax l-inċident iseħħ[5], Hilary Agius spjega fix-xhieda[6] tiegħu li hu kien attent għat-traffiku bil-għan li jaqsam sew u jaqbad ir-*roundabout*.

Fil-kawża odjerna l-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti tal-partijiet ta' kif seħħ l-inċident, fejn filwaqt li l-attriċi qiegħda tgħid li kien proprju l-konvenut li baqa' dieħel fiha bil-vettura tiegħu hekk kif hija kienet qiegħda ddur mar-*roundabout*, il-konvenut qed isostni li kienet l-attriċi li baqgħet dieħla fih hekk kif kien diġà qabad ir-*roundabout.*

Iżda fid-dawl tax-xhieda tal-partijiet u anki tal-provi l-oħra prodotti minnhom, din il-Qorti tqies li l-verżjoni tal-konvenut hija aktar konvinċenti.

Tibda billi tosserva li l-istqarrija magħmula mill-konvenut fix-xhieda tiegħu li huwa kien qed isuq bil-mod fil-ħin tal-inċident[7] ma ġietx kontestata min-naħa tal-attriċi. Fix-xhieda tiegħu huwa kompla jgħid li saħansitra lanqas marki tal-

[5] Seduta 27 ta' Marzu, 2019, *a fol.* 128.

[6] Seduta 16 ta' Jannar, 2019, *a fol.* 72.

[7] Seduta 15 ta' Mejju, 2019, *a fol.* 184 fejn igħid: *"Jien waqaft immedjatament għax jien kont għaddej verament bilmod għax ser nikser ..."* u ara wkoll *Road Traffic Accident Insurance Report a fol.* 8.

brejkijiet ma ħalliet il-vettura tiegħu u hawnhekk ukoll din il-Qorti ma ssib l-ebda prova oħra li tikkontradixxi dan li qal il-konvenut. Qal ukoll li:

> *"... jiena l-parti li tiġi* skirting *ir-*roundabout *kont soqtha kollha ... Jien kont qiegħed max-xellug għal kollox, kemm ma nirfisx il-*white line *tal-ġenb u ċ-ċiklista approċjatni minn warajja u min-naħa tal-lemin... ."*[8]

Iżda mhux daqstant ċar li l-attriċi kienet qiegħda ssuq bl-istess kawtela. L-attriċi tistqarr fl-*affidavit*[9] tagħha li *"waqaft mar-*roundabout *...",* u jekk għandha titwemmen għaliex dan il-punt tant importanti ma jissemma' xejn fil-verżjoni li tat lill-Pulizija dakinhar ta' l-inċident[10], dan ifisser li l-veloċità tagħha ma setgħetx tkun waħda qawwija u b'hekk l-inċident seta' jiġi evitat faċilment billi wkoll tagħmel użu mill-brejkijiet tar-rota tagħha. Iżda din il-Qorti hija konvinta li mhux hekk ġara. L-attriċi tgħid li lill-konvenut ratu għadu fit-triq li twassal għar-*roundabout* mill-Imtarfa u għalhekk ma kienx għadu qabad ir-*roundabout,* filwaqt li hija kienet qiegħda ddur mar-*roundabout* u fl-istess ħin tagħmel sinjal b'idha tax-xellug li riedet tikser għat-triq li tagħti għal Ħ'Attard. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li ssib tassew inkwetanti l-istqarrija tal-attriċi li *"Iċ-ċiklisti ma tantx iħobbu jħarsu 'l hemm u 'l hawn. Iħarsu lejn it-triq ta' quddiemhom ... ."*[11]

Tkompli tgħid li l-vettura tal-konvenut <u>ġiet minn warajha</u> u saqet għal fuqha <u>min-naħa tax-xellug tagħha</u>. Ir-ritratti meħudin minn PS145 Graziella Zammit[12] juru fejn waqfet il-vettura tar-rikorrent, iġifieri proprju kif kienet ser titlaq ir-*roundabout* u taqbad it-triq lejn Ħ'Attard. Dan il-fatt ma ġiex kontestat mill-

---

[8] *Ibid.*
[9] *Supra.*
[10] Ara *Road Traffic Accident Insurance Report a fol.* 8.
[11] Seduta 21 ta' Ottubru, 2019, *a fol.* 209.
[12] Dok. GZ1 u Dok. GZ2 *a fol.* 90.

attriċi u huwa xhieda ta' ċirkostanza aktar importanti, iġifieri li l-attriċi li waqgħet ħdejn il-vettura tiegħu ma kinitx qiegħda ssuq man-naha tax-xellug tar-*roundabout* kif mistenni minnha.

L-attriċi tgħid li fil-ħin tal-inċident hija ma rat l-ebda daqqa fuq il-vettura tal-konvenut[13] u min-naħa tiegħu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni li l-vettura tiegħu ġarrbet xi brixx man-naħa tal-pilastru tagħha. B'hekk din il-Qorti hawnhekk ma ssib l-ebda indikazzjoni ta' kif seta' seħħ l-inċident.

Iżda minn dak li xehdu Brian Sammut Alessi[14] u Hilary Agius[15] u mill-iskizzi[16] ippreżentati minn kull wieħed minnhom, kif ukoll minn dak li xehdet l-attriċi stess meta qalet *"ma fetaħx il-bieba fuqi"*[17], jidher li wisq probabbli l-impatt seħħ filwaqt li l-vettura u r-rota kienu ma' ġenb xulxin. B'hekk jitwemmen il-konvenut meta fix-xhieda tiegħu jgħid:

> *"Rajtha l-ewwel darba x'ħin hi tfaċċat hekk mal-ġenb tiegħi għax hi għaddiet hekk sbrixx mal-bieba, laqtet il-mera u nqlebet għax hi kienet ġejja minn warajja, ma kinitx quddiemi fil-lane tiegħi u jiena tgħajjarta ... kieku tajjartha jien, mhux tieqaf eżatt ħdejja".*[18]

Din il-Qorti tikkunsidra li jekk tista' titqies bħala konvinċenti il-verżjoni tal-attriċi, wieħed irid jikkunsidra wkoll li hija ma kinitx qiegħda ssuq ir-rota tagħha fuq in-naħa tax-xellug tar-*roundabout* kif kienet obbligata li tagħmel, iżda lejn in-nofs tal-karreġġjata jew forsi aktar ukoll lejn in-naħa tal-lemin

[13] Seduta 21 ta' Ottubru, 2019, *a fol.* 206.
[14] Seduta 27 ta' Marzu, 2019, *a fol.* 127.
[15] Seduta 16 ta' Jannar, 2019, *a fol.* 73.
[16] *A fol.* 131 u 77 rispettivament.
[17] Seduta 21 ta' Ottubru, 2019, *a fol.* 206.
[18] *Supra a fol.* 185.

sabiex taqta' għad-dritt lejn it-triq li riedet tgħaddi minnha. Wisq probabbli, din il-Qorti tosserva, kienet qiegħda ssuq mar-*roundabout* proprju kif kien qed jagħmel iċ-ċiklist li jidher fir-ritratt Dok. GZ2.

Ir-regolament 67 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq[19] jagħmilha ċara fil-parti li tikkonċerna ċ-ċiklisti, li r-rota għandha dejjem tinstaq fuq ix-xellug tat-triq u jgħid:

> *"Tista' tħossok aktar żgur jekk iżżomm max-xellug tar-*roundabouts *jew tinżel u tmexxi r-rota tiegħek madwar il-bankina jew mat-tarf tagħha..."*

Ir-regolamenti tal-istess Kodiċi fir-rigward ta' vetturi, huma applikabbli wkoll għaċ-ċiklisti permezz tar-regolament ta' qablu, jiġifieri r-regolament 66 li jiddikjara li "Ir-roundabouts *jistgħu jkunu ta' periklu u għandek tmur ħdejhom b'attenzjoni."*

Ir-regolament 222 jipprovdi kif ġej:

> *"...Meta tkun se tibqa' sejjer dritt:*
> *Avviċina r-*roundabout *fil-mogħdija tax-xellug; żomm ma' din il-mogħdija fir-*roundabout.
>
> *Jekk is-sitwazzjoni ġġiegħlek tagħmel mod ieħor (eż. jekk il-mogħdija tax-xellug tkun imblukkata), avviċina fil-mogħdija tal-lemin; żomm din il-mogħdija fuq ir-*roundabout. *Jekk l-istess* roundabout *tkun ħielsa minn traffiku ieħor, agħżel l-iktar mogħdija konvenjenti biex tgħaddi minn mar-*roundabout.*"*

Fil-każ odjern ma tirriżulta l-ebda sitwazzjoni li ġġiegħel lill-attriċi sabiex ma tagħmilx proprju dan. Għalhekk issib li l-ewwel talba tal-attriċi mhijiex

[19] Kumpilat mit-Taqsima tal-Bord dwar il-Kontroll tat-Traffiku.

ġustifikata peress li kienet proprju hija li kkawżat l-inċident inkwistjoni, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel talba tal-attriċi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra tagħha, u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-proċedura odjerna huma a karigu tal-attriċi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**